# Daqq tal-Qniepen għad-Dinjitarji tal-Ordni

Guido Lanfranco

Aktar minn fi żmienna, d-daqq tal-qniepen fil-gżejjer tagħna kellu x'jaqsam ma' kull settur tal-popolazzjoni, mill-kbir saż-żgħir, fil-ferħ u fid-dwejjeq. F'din il-kitba se nfakkru biss fejn il-qniepen għandhom x'jaqsmu mal-ħajja tal-kbarat tal-Ordni ta' San Ġwann u tal-Knisja sas-seklu dsatax. Assoċjati mal-mewt ta' dawn l-istess nies hemm ukoll id-daqq tal-qniepen imma dawn mhux se niddiskutuhom hawn.

## Fl-elezzjoni u l-pusses tal-Gran Mastru

L-elezzjoni ta' Gran Mastru kienet dejjem issegwi l-istess proċedura skond ir-regolamenti tal-Ordni. Fit-18 ta' Jannar 1741, bħala eżempju, Emanuel Pinto ġie elett Gran Mastru. Imma ċ-ċerimonja tal-elezzjoni wkoll kellha mdaħħlin il-qniepen. Biex jinġabru għall-proċess tal-votazzjoni li jibda bil-*Veni Creator*, l-ewwel daqqew il-qniepen biex il-kavallieri jinġabru fil-kappelli tagħhom f'San Ġwann skond il-lingwa. Wara jitkanta t-*Te Deum*. Pinto ħareġ fil-gallarija tal-Knisja fejn kien hemm folla kbira lesta biex taqbeż fuq il-muniti li tradizzjonalment kien mistenni jwaddab il-Gran Mastru ġdid. Wara din iċ-ċerimonja il-kavallieri trijonfanti ġarrew lil Pinto fuq spallejhom sal-Palazz waqt id-daqq sfrenat tal-qniepen. Fl-1722, Anton Manoel de Vilhena ġie elett Gran Mastru u malli ismu ġie annunzjat fil-Knisja, tkanta t-*Te Deum*, fost id-daqq tal-orgni u tal-qniepen bil-kbir. Minbarra aktar daqq ta' qniepen fil-fażijiet varji taċ-ċerimonji, Vilhena reġa' semagħhom meta nviżta l-monasteru ta' San Pietru waqt id-daħla simbolika tiegħu għall-pussess tal-Imdina għax daqqew il-qniepen ferrieħa tal-Knisja waqt il-mużika fuq l-orgni. Fl-1776 De Rohan ħa pussess simboliku tal-Birgu fil-festa ta' San Lawrenz u kellu lesti ark trijonfali, tiżjin, tron apposta fil-Knisja u salut mill-fortizzi; mhux biss, imma il-qniepen ta' Malta kollha daqqew mota għall-okkażjoni. Id-daħla jew pussess tal-Imdina jew tal-Birgu dejjem kienet ċelebrazzjoni mill-aktar kbira, dejjem bil-mużika, salut bil-kanuni, murtali u bil-parteċipazzjoni sħiħa u kontinwa tal-qniepen.



*Il-Gran Mastru Emmanuel Pinto*

## Kapitlu tal-Ordni

Kull ftit snin il-Gran Mastru kien isejjaħ Laqgħa Ġenerali tal-Kapitlu biex fiha jiddiskuti diversi problemi. Din kienet tkun okkażjoni mportanti, għalhekk kien hemm ċerimonji u ritwali speċjali għaliha. Bħala eżempju ngħidu li f'Lulju 1583 saret il-ħdax-il waħda minn mindu l-Ordni ġiet Malta, msejħa minn Verdala. Il-Gran Mastru, akkumpanjat mill-Prijuri, kavallieri Gran Kruċ u dinjitarji oħra telaq mill-Palazz tal-Belt għal San Ġwann għall-quddiesa ta' L-Ispirtu s-Santu, kantaw il-*Veni Creator* u segwew ritwali oħra. Il-proċessjoni rritornat bl-istess mod lejn il-Palazz, dejjem bl-akkumpanjament kontinwu tad-daqq tal-qniepen. L-aħħar Kapitlu Ġenerali tal-Ordni f'Malta sar fl-1775 u dam sejjer xi xaharejn. F'dan saru l-istess ċerimonji, kif dejjem saru, bid-daqq tal-qniepen.



*Il-kappella ta' Verdala (Pittura ta' Andrew Borg)*

## Qniepen f'okkażjonijiet speċjali tal-Ordni

Il-galeri tal-Ordni ta' sikwit kienu jipparteċipaw f'battalji li fihom jagħtu palata lir-renjanti Ewropej, ġeneralment kontra t-Torok u għedewwa oħra ta' dak iż-żmien. Kienu wkoll jgħinu lill-iskwadra tal-Papa, bħalma għamlu fil-battalja ta' Lepanto tal-1571. Kull darba li jiġu lura rebbiħin, il-galeri kienu jintlaqgħu b'tiri ta' salut u daqq tal-qniepen. Hekk kien ġara wkoll fl-1660 imma aktar bil-kbir, għax mal-Venezjani kontra t-Torok fil-battalja ta' Kreta (dak iż-żmien Kandja) kien hemm seba' galeri tal-Ordni. Dawn qabdu żewġ iġfna Torok u daħħluhom fil-port fost tiri ta' salut, ħruq ta' murtali u daqq ta' qniepen ferrieħi mill-knejjes tad-dawra.

Imma r-rebħiet mhux dejjem kienu fil-battalji jew fil-gwerer. Fis-sena 1754 il-Gran astru Pinto inqalgħulu problemi mar-Re Carlos taż-Żewġ Siċilji għax, fost kwistjonijiet oħra, dan ma riedx iforni 'l Malta bil-qmuħ u bżonnijiet tas-soltu. Pinto rrikattah billi tarraflu li se jkollu jinkuraġġixxi l-ħtif ta' bastimenti tal-merkanzija u qamħ u jnaqqas is-sigurtà li l-Ordni kienet soltu tagħti fil-Mediterran kontra l-kursari. Bil-medjazzjoni ta' ħaddieħor ir-Re biddel fehemtu, kif sar magħruf mill-aħbarijiet li waslu Malta f'Jannar tal-1755. Pinto ħa t-tibdil tal-fehema tar-re bħala rebħa għall-Ordni ta' Malta u ordna festeġġamenti bit-tiri rebbieħa mill-kanuni, daqq ta' qniepen ma' kullimkien u mixgħela ġenerali. L-għada saru funzjonijiet, *Te Deum* u Espożizzjoni f'San Ġwann, dejjem akkumpanjati bid-daqq tal-qniepen.

Okkażjoni unika fl-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta kienet dik tal-Ħadd it-18 ta' Marzu 1571 meta l-Gran Mastru Del Monte, riekeb fuq il-Kapitana mal-Kavallieri u d-dinjitari kollha ta' San Ġwann (jew il-Kunvent) fuq il-galeri qasmu l-Port il-Kbir mill-Birgu fejn kienu ilhom mill-1530, għall-belt il-ġdida Valletta. Minbarra t-tiżjin, trumbetti, tnabar, salut mill-kanuni u l-artillerija kien jinstema' d-daqq kontinwu tal-qniepen.

Il-Papiet kienu jonoraw lil persuni speċjali għas-servizz li jkunu tawh fid-difiża tal-Knisja u l-Fidi, għalhekk ma jistax jonqos li uħud mill-Gran Mastri rċevew din ir-rikonoxxenza minħabba li, wara kollox, l-Ordni ta' San Ġwann (jew ir-Reliġjon, kif kienet magħrufa wkoll) kienet fil-Mediterran qed tagħmel dan ix-xogħol u tassigura kemm jista' jkun is-sigurtà għall-baħħara kollha. Ir-rikonoxxenza tal-Papa kienet tikkonsisti f'għotja ta' xabla u kappell simboliċi mibgħutin mal-legat tal-Papa u mgħoddijin f'ċerimonja apposta. Ix-xabla kienet tkun twila xi ħames piedi, bil-fidda u ndurata, filwaqt li l-kappell kien ikun tal-pannu vjola irrakkmat bil-perli bis-simbolu tal-Ħamiema tal-Ispirtu s-Santu. Ir-ritwal kien jinkludi ċerimonji fil-Knisja, *Te Deum*, benedizzjoni, illuminazzjoni fit-toroq u dejjem jispiċċa b'ħafna daqq tal-qniepen u ċena fil-Palazz tal-Gran Mastru. Imma wkoll f'lejlet din iċ-ċerimonja kien ikun hemm mota bid-daqq tal-qniepen biex iħabbar l-okkażjoni. De Vilhena kien irċeva dan l-unur fl-1725, kif ukoll Ximenes, Pinto u Hompesch. Fl-1747 meta Pinto rċieva x-xabla u l-kappell, daqqew il-qniepen ta' San Ġwann biex jilqgħu lil Kardinal Valenti, id-delegat tal-Papa meta wasal Malta, u mar lejn il-Palazz tal-Gran Mastru f'karrozzella miġbuda minn sitt żwiemel bojod. Wara ċ-ċerimonja komplew it-tiri tal-kanuni, illuminazzjoni u daqq ta' qniepen sa tard filgħaxija.


*Il-Kon Katidral ta' San Ġwann, Valletta*

## Personalitajiet oħra u l-Ordni

Persunaġġi mportanti kienu dejjem milqugħin skond id-dinjità tagħhom u bosta minnhom kienu jigu milqugħa bid-daqq tal-qniepen. Fl-1724 mal-iskwadra tal-galeri tal-Ordni li daħlet fil-port kien hemm Lancio Manoel de Vilhena neputi tal-Gran Mastru u ġie milqugħ mil-kbarat tal-Ordni. Fost postijiet oħra li żar mar l-Imdina u hemm irċieva salut mill-kanun u daqqewlu qniepen ta' merħba. Lill-Gran Prijur tal-Ordni, bħal dinjitarji oħra, kienu jdoqqulu l-qniepen meta jasal fil-Knisja ta' San Ġwann. Fit-18 ta' Ottubru 1755, il-fratellanza tar-Rożarjanti (jew tar-Rużarju) eretta għand id-Dumnikani tal-Belt rċiviet lill-Gran Mastru Pinto biex isir membru tagħha. Billi Pinto kien persuna speċjali l-okkażjoni tal-vestizzjoni kienet bil-pompa kollha u kellu miegħu il-paġġi tiegħu, kavallieri u mistednin kbarat li akkumpanjawh fil-proċessjoni lejn l-oratorju tal-fratellanza, waqt l-intonazzjoni tat-*Te Deum,* ħruq ta' murtaletti, daqq ta' mużika u d-daqq kontinwu tal-qniepen tal-Knisja.


*Ir-Re Lwiġi XV*

Il-biċċa l-kbira tal-Kavallieri kienu Franċiżi, għax minn massimu ta' tmien Lingwi, tlieta minnhom kienu taħt l-isem ta' Franza, Alvernja u Provenza. Għalhekk dak li kien isir fi Franza kien dejjem rifless fl-attivitajiet tal-Ordni f'Malta. Fl-1744 ir-Re Lwiġi XV kien marad imma meta daħlu fil-port xi galeri Franċiżi li wasslu l-aħbar li r-Re kien qaleb għall-aħjar, il-Kavallieri Franċiżi organizzaw festa kbira bil-fjakkli, tiri ta' salut mill-kanuni fuq l-art u fuq il-bastimenti tal-port, ċerimonji, *Te Deum*, u mixgħela mal-bereġ tagħhom, kollox akkumpanjat mid-daqq tal-qniepen.

## Fil-mewt

Fost il-messaġġi li l-qniepen jibgħatu kien hemm dawk li jindaqqu biex iħabbru tmiem il-ħajja tal-bniedem, mhux biss wara l-mewt imma wkoll fis-siegħat ta' qabel u fil-Vjatku, għalhekk tista' tgħid li, sa ftit snin ilu, aktar minn issa kuljum konna nisimgħuhom inaqqru u jdoqqu b'ton ta' swied il-qalb. Mhux biss, imma l-mod kif idoqqu kien jagħti informazzjoni dwar l-istat ta' min ikun miet.

Il-qniepen idoqqu għan-nies il-komuni kif ukoll għall-kbarat, imma f'din il-kitba se nfakkru biss id-daqq tal-qniepen assoċjati mal-mewt ta' għażla żgħira ta' dinjitarji u nies importanti oħra, l-aktar ta' żmien l-Ordni.

## Mewt ta' Gran Mastri

Wieħed jista' jaħseb kemm kienu jdoqqu l-qniepen meta tasal il-mewt ta' Gran Mastru. Meta joħroġ il-Vjatku minn San Ġwann għall-Palazz, il-qniepen kienu jdoqqu kontinwament sakemm jerġa' lura. Bħala proċedura ġenerali malli jmut il-Gran Mastru kienet iddoqq il-qanpiena tal-Palazz, jisparaw tir minn fuq wieħed mis-swar tal-qrib, iddoqq il-qanpiena l-kbira ta' San Ġwann b'ilsienha marbut fgat, u wara' jdoqqu l-qniepen kollha tal-Belt. Kienet id-drawwa wkoll li t-tabib tal-Gran Mastru jneħħi l-interjuri kollha biex dawn jittieħdu f'ċeremonja separata sal-Knisja tal-Vitorja qabel jidfnuhom. Il-Gran Mastru jitqiegħed fuq it-tubru jew *kappella ardente* f'San Ġwann, dejjem bl-akkumpanjament tal-qniepen. Fil-jum tal-funeral il-qniepen kienu jibdew idoqqu qabel tlugħ ix-xemx. Kienu jittieħdu ħafna prekawzjonijiet biex ma sseħħx xi rewwixta, għax kien ikun hemm min irid jaħtaf it-tmexxija minn idejn l-Ordni inklużi l-iskjavi u setturi oħra li kienu jagħżlu żmienijiet kruċjali ta' aljenazzjoni biex jaġixxu. Ma kienux jitħallew bastimenti jidħlu l-port u jiżdiedu l-għases ma' kullimkien. Sadattant il-kavallieri jibdew iduru fost sħabhom biex jikkanvassjaw għal kandidati tal-lingwa tagħhom għall-elezzjoni ta' Gran Mastru ġdid.

Il-qniepen daqqew il-ħin kollu meta miet La Valette fl-1568 u ħaduh mill-Birgu għall-belt il-ġdida bil-baħar lejn il-Knisja tal-Vitorja. Il-Gran Mastru Pintu ħareġ l-aħħar darba mill-Palazz tiegħu f'Awwissu 1772, għax wara beda jħossu ħażin u kellu jsirlu l-Vjatku fid-19 ta' Diċembru 1772 bil-qanpiena l-kbira ta' San Ġwann iddoqqlu l-agunija sitta sitta spazjati, imma rpilja u fid-19 ta' Jannar 1773 tawh l-aħħar sagramenti u daqqew l-agunija; miet fl-24 ta' Jannar 1773 ta' 92 sena wara' renju ta' 32 sena, u l-istess qanpiena kbira daqqet it-trapassjoni. Dik il-qanpiena kienet waħda miż-żewġ qniepen li hu stess kien żmien qabel irregala lill-Knisja Konventwali.

F'Lulju tal-1797 taw l-aħħar sagramenti lill-Gran Mastru Emanoel De Rohan li kien qed imut. Bdew idoqqu l-agunija l-qniepen kollha tal-Belt mit-8 ta' filgħaxija sat-8 ta' filgħodu. Waqfu għax De Rohan talab li jieqfu għax qabbduh depressjoni, imma reġgħu

bdew idoqqu fl-10 ta' filgħodu sakemm miet filgħaxija tat-13 ta' Lulju ta' 72 sena wara li dam jirrenja 22 sena. It-tir tal-kanun annunzja l-mewt tiegħu, il-qanpiena l-kbira ta' San Ġwann daqqet b'leħen fgat u l-qniepen kollha komplew idoqqu biex waqfu xi 70 siegħa wara! Jumejn wara', il-qalb ta' De Rohan ittieħdet f'kaxxa ċkejkna fuq karrozzella miġbuda minn sitt żwiemel lejn il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, waqt li l-qniepen ta' San Ġwann u tal-Belt kollha baqgħu kontinwament idoqqu mota tal-mejtin.


*Il-Gran Mastru De Rohan*

## Il-Kaptan tal-Virga

Kien dinjitarju mportanti fil-ġerarkija tal-Ordni. Kien joqgħod fil-Palazz tal-Gran Mastru, jorganizza l-attivitajiet u laqgħat uffiċjali prinċipali fejn jidħol il-Gran Mastru, ipoġġi fuq il-lemin tiegħu, għall-pranzijiet jagħżel il-mistednin, kien jingħata s-salut tal-kbarat, fiċ-ċerimonji tal-Knisja jinċensawh l-ewwel fost id-dinjitarji u l-kavallieri, u mitt ħaġa oħra. Kien dejjem iżomm f'idu l-virga tad-dinjità tiegħu. Meta jmut Kaptan tal-Virga l-qniepen kienu jdoqqu l-istess bħalma jagħmlu għal Kanonċi tal-Kapitlu tal-Katidral.

## Mewt tal-Prijur

Melchiorre Alpheran kien Gran Prijur Generali u benefattur tal-Ordni ta' San Ġwann u kien ziju tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Meta miet fl-1734 il-qniepen ta' San Ġwann daqqew il-mortorju għal nofs siegħa flimkien mal-qniepen tal-knejjes kollha tal-Belt u ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu.

Il-Prijur ta' L-Ordni Stefano Lamellini ħalla fondazzjoni b'diversi rabtiet, fosthom flus biex bihom issir proċessjoni f'San Ġwann lejn l-oqbra tal-Gran Mastri u ta' taħt l-oratorju u isir it-tberik waqt li jindaqqu l-qniepen bħalma jsir fl-anniversarju tal-Gran Mastri.

Il-Prijuri u l-Gran Prijuri kienu dinjitarji tal-Ordni assoċjati l-aktar mal-Knisja Konventwali. Giovanni Domenico Mainardi kien Gran Prijur li miet fl-1785. Waqt l-aħħar sagramenti fl-14 ta' Frar il-qniepen tal-agunija daqqewlu sittin tokk mingħajr pawża. Miet ħamest ijiem wara' waqt li l-qniepen daqqew l-mewt. Mas-sinjal ta' qanpiena tal-idejn il-qanpiena l-kbira bdiet iddoqq nofs siegħa mortorju waqt li l-qniepen tal-knejjes kollha tal-Belt komplew magħhom. L-interjuri tal-Gran Prijur tneħħew skond id-drawwa u ħaduhom proċessjonalmenr għall-Knisja Tal-Vitorja waqt id-daqq ta' mota tal-mejtin mill-knejjes kollha. F'San Ġwann kellu l-*camera ardente* għall-funeral. Il-qanpiena l-kbira annunzjat il-proċessjoni tal-funeral billi daqqet kull kwarta mit-8 ta' filgħodu għal siegħa. Waqt il-proċessjoni lejn San Ġwann il-qniepen kollha tal-Belt daqqew il-mortorju.


*Il-Kon Katidral ta' San Ġwann (bidu tas-seklu 20)*

## Daqq ta' qniepen fil-mewt tal-Kavallieri

De Soldanis jgħid li f'Ġunju 1742 kien hemm kavallier li meta kien Għawdex ħassu ħażin f'tarf il-mewt. Meta ġie Malta reġa' tah attakk u kien reġa' se jmut. F'dik l-okkażjoni l-qniepen ta' San Ġwann daqqewlu l-mewt. Reġa rpilja, imma fl-aħħar miet fi Frar tal-1743.[25] Il-pittur Antoine Favray kien pittur famuż u kien ukoll sar kavallier. Fit-8 ta' Frar 1798 kien qed imut fl-isptar tal-Ordni u għamel it-testment. Il-qanpiena tal-kampnar tal-infermerija daqqet l-agunjija biex tistieden kavallieri oħra jitolbu għal seħibhom. Miet l-għada ta' 92 sena.

## Sorijiet tal-Ordni ta' San Ġwann

Minn żmien il-Gran Mastru Verdala li bnielhom il-monasteru is-sorijiet tal-klawsura ta' Sant' Orsla tal-Belt kienu jiddependu mill-Ordni ta' San Ġwann. Fuq il-libsa tagħhom għandhom ukoll is-salib tal-Ordni. Mill-1780, meta jasal il-waqt, minbarra d-daqq tal-qniepen tal-monasteru, bdiet issirilhom l-agunija minn San Ġwann kif ukoll it-transtu jew is-sinjal tal-mewt u, fil-funeral kienu jdoqqulhom mota. Soru li ġiet skużata mill-klawsura biex tmur id-dar t'ommha għax mardet wasslulha l-aħħar sagramenti minn San Ġwann, daqqewlha l-agunija u wkoll il-mewt waqt li ħaduha lejn il-monasteru. Lis-sorijiet l-oħrajn tal-istess monasteru wkoll bdew idoqqulhom il-qniepen tal-agunija minn San Ġwann meta jaslu biex imutu.

## Mewt ta' Ammiral

Il-Venezjani kellhom konflitt mat-Turkija u l-Ordni ta' San Ġwann ikkoperat magħhom billi ħalliet il-flotta tagħhom, taħt il-kmand tal-Ammiral Anġelo Emo, tidħol fil-Port il-Kbir meta, bħala parti mit-tattika tiegħu, l-Ammiral kien se jattakka 'l Tuneż. Emo ħassu ħażin waqt it-tbaħħir, ġabuh lejn Malta f'palazz fil-Furjana fejn miet fl-ewwel ta' Marzu 1792. Il-Kaptan Anzjan Venezjan ordna li l-qniepen tal-Belt u l-Furjana jdoqqu t-transtu kull ftit ħin għal tlitt ijiem. Kien sarlu l-akbar funeral li qatt sar f'Malta biex ħaduh lura Venezja. L-interjuri tiegħu baqgħu fil-monument tiegħu li hemm fil-Knisja tal-Vitorja tal-Belt.


*Wieħed mill-kampnari tal-Kon Katidral ta' San Ġwann, Valletta*

## L-Avukat tal-Papa u tal-Ordni

Carlo Alessio Pisani li twieled il-Belt fl-1711 kien avukat li aktar ħadem f'Ruma għall-kurja u l-qrati tal-Papa. Kien ukoll avukat li jirrappreżenta lil Ordni ta' San Ġwann u lill-familji nobbli Maltin f'Ruma. Meta miet fl-1770 il-knejjes kollha tal-Belt daqqewlu l-qniepen, minbarra li sarlu servizz funebri fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt.